MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 453/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' Novembru, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi fis-6 ta' Settembru, 2005 ir-rikorrenti A welldet, fil-Pieta', Malta, tarbija li ngħatat l-isem ta' C (skond l-anness ċertifikat tat-twelid immarkat Dokument 'A');

Illi l-imsemmija tarbija hija wild ir-rikorrenti kif ukoll ta' l-intimat B, li huwa ċittadin tar-Renju Unit, u l-intimat irrikonoxxa lilu nnifsu bħala l-missier naturali tat-tarbija;

Illi r-rikorrenti u l-intimat qatt ma żżewġu lil xulxin u lanqas ma kienu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf, iżda l-intimat kien miżżewweġ qabel lil ċerta D, bħal ma jirriżulta mill-anness ċertifikat immarkat Dokument 'B';

Illi l-intimat qiegħed issa jikkoabita ma' mara oħra f'Malta u qiegħed jistenna tarbija mingħandha;

Illi r-rikorrenti hija responsabbli *de facto* għall-bżonnijiet kollha tat-tifla minuri tal-partijiet, u mill-mument tat-twelid ta' l-imsemmija tarbija, l-intimat kellu kuntatt ftit ħafna magħha u eżerċita l-aċċess tiegħu mat-tarbija għal medja ta' disgħin minuta fil-ġimgħa;

Illi l-intimat mhux qiegħed jikkontribwixxi għall-bżonnijiet tal-minuri, u r-rikorrenti qiegħda ġġorr il-piż kollu finanzjarju tat-tarbija;

Illi l-intimat mhux qiegħed jikkontribwixxi għall-bżonnijiet tal-minuri, u r-rikorrenti qiegħda ġġorr il-piż kollu finanzjarju tat-tarbija;

Illi l-intimat qiegħed jaħdem fuq bażi *full-time* hawn Malta;

Illi l-proċeduri ta' medjazzjoni (Ittra 531/07) ġew konklużi fl-10 ta' Lulju, 2007.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tafda f'idejha l-kura u l-kustodja sħiħa tat-tifla minuri C;

2. Tistabbilixxi l-modalijiet ta' aċċess għal favur l-intimat li din l-Onorabbli Qorti tikkunsidra xierqa meħud in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni kollha tal-każ, inkluż ukoll in-nazzjonalita' ta' l-intimat u l-eta' tal-minuri;

3. Tipprojbixxi l-intimat milli jsiefer bil-minuri mingħajr il-kunsens espress u bil-miktub ta' l-esponenti;

4. Tistabbilixxi l-manteniment pagabbli mill-intimat għall-bżonnijiet tal-minuri u tordna lill-istess intimat sabiex iħallas dan il-manteniment hekk stabbilit lill-esponenti għall-minuri anke b'effett retroattiv mid-data tat-twelid tagħha;

5. Tagħti dawk il-provvediment u ordnijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fl-4 ta' Frar, 2008, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

1. Illi l-ewwel talba hi opposta fis-sens li l-esponenti jemmen li l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tkun konġunta għalkemm ma jsibx oppożizzjoni li l-minuri tiġi fdata ma' l-omm suġġett għad-drittijiet tiegħu ta' aċċess ħieles;

2. Illi t-tieni talba m'hijiex opposta;

3. Illi t-tielet talba hi kompletament kontestata;

4. Illi r-raba' talba hija kontestata parzjalment *stante* li l-intimat jaqbel li jħallas manteniment għall-bżonnijiet tal-minuri skond il-mezzi tiegħu imma ma jaqbilx illi dan il-manteniment ikollu effett retroattiv mid-data tat-twelid;

5. Illi l-ħames talba m'hijiex opposta.

Illi l-ispejjeż għandhom jintbatew mill-attriċi *stante* li hija għażlet li tiftaħ din il-kawża inutilment.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-Qorti ordnat li l-konvenut iħallas manteniment ta' mitt Euro (€100) fix-xahar *pendente lite*.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits u semgħet il-provi l-oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob il-ħlas ta' manteniment għall-minuri li twieled minn relazzjoni li kellha mal-konvenut. Il-konvenut ma ressaqx provi.

Il-Qorti tħoss li din il-kawża setgħet intemmet qabel. Dan ma ġarax għaliex l-attriċi ressqet diversi provi fir-rigward ta' l-introjtu tal-konvenut, *oltre* dwar x'ġara bejniethom, naturalment għaliex dak iż-żmien ma kinitx taf li l-konvenut ser juri nuqqas ta' interess fil-kawża (wara numru ta' seduti) u ma baqax jidher bir-riżultat li ma ressaqx provi.

Il-Qorti konvinta li l-konvenut għandu introjtu ta' ċirka sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) fis-sena mill-impjieg tiegħu mal-bank HSBC. Għalhekk ma hemm ebda raġuni għaliex m'għandux iħallas manteniment. Ma hemmx kwistjoni li l-attriċi għandu jkollha kura u kustodja tat-tifla.

Il-Qorti taqbel ukoll li l-konvenut għandu jmantni lit-tifel minuri mid-data tat-twelid għaliex huwa ċar illi l-obbligu jitwieled mat-twelid tat-tarbija – salv preskrizzjonijiet li f'dan il-każ ma hemmx. Fil-fatt hija *gia'* tat digriet li permezz tiegħu ordnat il-ħlas ta' mitt Euro (€100) fix-xahar f'Ġunju 2008 u biex ma toħloqx konfużjoni ser tordna li l-konvenut iħallas dan l-ammont b'effett mid-data tat-twelid sal-lum, u *cioe'* minn Settembru 2005.

Kwantu għall-futur il-Qorti ser tordna ħlas ta’ mitejn Euro (€200) fix-xahar – **naturalment dejjem *rebus sic standibus*.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi *in linea* ta’ arretrati tal-manteniment għall-minuri msemmi mid-data tat-twelid u *cioe’* s-6 ta’ Settembru, 2006 sa Novembru 2008 bir-rata ta’ mitt Euro (€100) fix-xahar u b’effett mill-1 ta’ Diċembru, 2008 is-somma ta’ mitejn Euro (€200) fix-xahar, *rebus sic standibus.***

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------